**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 315/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Najah Agheez**

Illum, 20 ta' Settembru 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Najah Agheez, detentur tal-karta ta'l-identita' Refcom bin-numru 28492, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fis-sittax t'April tas-sena 2023, għall-ħabta ta' bejn it-tlieta u s-sitta ta' filgħodu, fl-inħawi ta' Triq il-Ħalel, San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta atti ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq il-persuna ta' Lara Ali Shahin li fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti kkunsmati jew attentat, imsemmijin fl-Artikoli 198 sa 206 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Lara Ali Shanin, liema imġieba tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi billi għamel kuntatt jew ittanta jagħmel kuntatt magħha, tlajja fi kwalunkwe post pubbliku jew privat u qagħad għassa jew spija fuqha, inkluz indħil f'xi propjeta' li tkun fil-pussess tal-vittma Lara Ali Shanin;
3. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Lara Ali Shanin b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li kien ta fastidju għal din il-persuna;

4. Issoġġetta lil Lara Ali Shahin għal xi att ta' intimita' fizika u/jew imġieba li jkollhom konnatazzjonijiet sesswali, inkluz kliem bil-fomm, mossi u/jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u/jew imħieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti u/jew intimidatorju lejha;
5. Bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Lara Ali Shanin kontra l-volonta' tagħha, sabiex toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;
6. Ikkawża lil Lara Ali Shahin biza' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha;
7. Ikkommetta serq ta' mobajl b'valur ta' Euro 1,800, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-€2,329.37 u bil-ħin, liema serq sar għad-dannu ta' Tony Visnu Warta u/jew xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;
8. F' lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx kapaċi jieħu ħsieb tiegħu innifsu;
9. Bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;
10. Naqas milli jħares xi waħda, u/jew aktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu nhar it-23 ta' Marzu 2023 b'digriet mill-Imħallef Dr Aaron Bugeja LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 207, 251AA(1)(a)(b), 251AA(2), 251AA(3), 251AA(4), 251A(1)(a)(b), 251A(1)(c)(e), 86, 87(1)(g), 251(3), 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 338(ff), 338(m), 579(1), (2) u (3) tal-Kap. 9 (fost dispozizzjonjiet oħra) u fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundanatu għall-erba' snin u sitt xhur priġunerija effettiva. Illi, *in oltre*, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-imputat b'Ordni tat-Trazzin fil-konfront ta' Lara Ali Shahin għal żmien sentejn. Ukoll, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti poġġiet lill-imputat taħt obbligazzjoni personali għal zmien tnax -il xahar mill-lum taħt penali ta' €500 milli jimmolesta u/jew jivvessa lil Lara Ali Shahin. In oltre, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundanat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti, iħallas lill-istess Reġistratur l-ispejjez relatati mal-ħatra tal-esperti relatati mal-każ odjern. Finalment, il-Qorti ddikjarat ukoll lill-imputat bħala immigrant projbit ai termini tal-Artikolu 5(2)(d) u l-Artikolu 14 tal-Kap. 217 tal-

Liġijiet ta' Malta u ordnat lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex bil-poteri vestiti lilu bil-liġi, jassigura li l-akkuzat jiġi deportat minn dawn il-Gzejjer wara li jkun skonta l-piena skond din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tilqa' l-appell intavolat minnu u dana billi tħassar u tirrevoka dik l-istess parti tas-sentenza hekk appellata fejn *"... Il-Qorti tiddikjara ukoll lill imputat bħala immigrant projbit ai termini ta' l-Artikolu 5(2)(d) u l-Artikolu 14 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni sabiex bil-poteri vestiti lilu bil-Liġi, jassigura li l-akkuzat jiġi deportat minn dawn il-Gzejjer wara li jkun skonta l-piena skond din is-Sentenza ..."*, u dana billi tiddikjarah minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, mhux ħati tagħhom u/jew mhux applikabbli f'dana l-każ u konsegwentement tilliberah minnhom.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata *seduta stante* nhar it-23 ta' Ġunju 2023.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda tal-iSpettur Lara Butters nhar it-28 ta' Ġunju 2023.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant jilmenta b'mod ewlieni illi wara l-ammissjoni minnu reġistrat fi stadju bikri tal-proċeduri, l-Ewwel Qorti ma żammitx mal-ftehim ippatteġġjat bejnu u bejn il-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-piena li kellha tiġi erogata.

Illi l-Artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kodiċi Kriminali ifassal il-mod kif għandu jsir il-patteġġjament bejn il-Prosekuzzjoni u id-Difiża f'każ illi l-persuna imputata jew

akkużata bil-kummissjoni ta' reat turi ix-xewqa li tixtieq tirreġista ammissjoni, meta hemm hekk dispost: –

> **(5) Fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, l-imputat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jilħqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-każ li l-imputat jiddikjara ruħu ħati, il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reati li jiġi akkużat bihom.**
>
> **(6) <u>Il-qorti ma għandhiex, meta tagħti sentenza tagħha, tqis kull ftehim dwar is-sentenza li tkun ser tingħata li ma jkunx sar skont is-subartikolu (5)</u>. (<u>enfazi tal-Qorti</u>)**
>
> **(7) Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-miżura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri, mitluba kif provdut fis-subartikolu preċedenti jkunu tali li kien ikun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-ħtija, u ma jkollhiex għaliex tordna li jitkompla l-każ skont dak imsemmi fis-subartikolu (3) jew għal xi raġuni oħra li tiċħad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tiegħu, il-qorti għandha, meta ssir l-ammissjoni ta' ħtija tal-imputat, tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-deċiżjoni tagħha li s-sentenza li tkun qegħda tingħata tkun qegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet.**

Illi dan is-sub-inċiz tal-liġi ġie miżjud permezz ta'l-Att VIII tal-2015 meta bl-introduzzjoni ta' din l-emenda fil-Kodiċi Kriminali l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati żdiedet konsiderevolment biex b'hekk issa, meta jkun hemm qbil bejn l-prosekuzzjoni w d-difiża dwar is-sanzjoni li għandha tiġi applikata minn dik il-Qorti, dan għandu jiġi mfisser b'mod formali bil-proċedura addottata tkun simili għal dik addotatat quddiem il-Qorti Kriminali.

Illi, minn eżami akkurat tal-Atti Proċesswali jirrizulta li nhar il-21 t'April 2023, wara li l-appellant, debitament assistit, irreġistra l-ammissjoni tiegħu, il-Qorti "**semgħet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jittrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil fuq il-parametri li kellha timxi magħhom il-Qorti**". Madanakollu, ma jirriżultax li fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ġie ppreżentat rikors konġunt ta' patteġjament mill-partijiet, fit-termini tad-disposizzjoni tal-liġi hawn fuq iċċitata Għaldaqstant, ġialadarba dan l-istess rikors konġunt ma' sarx, skond id-dettami tas-sub-artikolu (5)

tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, appena ċċitat, il-Qorti ma kenitx marbuta li tqis, meta tiġi għal kalibrazzjoni tal-piena kwalunkwe ftehim informali li seta' ntlaħaq bejn il-partijiet dwar is-sentenza li kellha tingħata.

Għal dawn il-motivi, l-ilment tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment u dan għaliex wara l-ammissjoni minnu reġistrata ma kenux segwiti d-dettami tal-artikolu tal-liġi hawn fuq iċċitat, b'dan għalhekk illi l-appellant ħalla f'idejn il-Qorti sabiex tagħti dik il-piena li dehrilha li kienet xierqa u idonja għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

**Ikkunsidrat:**

Illi, *in oltre*, l-appellant jgħaddi sabiex jisħaq li huwa ma kienx verament ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u li rreġistra ammissjoni sempliċiment għaliex dehrlu li l-Ewwel Qorti kienet aċċettat li teroga dik il-piena ppatteġġjata mal-Prosekuzzjoni fejn ma kienx lilu indikat illi kienet ser tinħareġ Ordni għad-deportazzjoni tiegħu mill-pajjiż in forza ta' dak stipulat fl-artikolu 5(2)(d) u 14 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi minn dak espost fir-rikors ta'l-appell huwa evidenti illi l-appellant qiegħed jikkontesta l-ammissjoni minnu reġistrata unikament għaliex l-Ewwel Qorti ma erogatx dik il-piena li kienet ġiet minnu ppatteġġjata mal-Prosekuzzjoni. Dan il-fattur madanakollu ma jwassalx biex ixejjen dik l-ammissjoni reġistrata, iktar u iktar meta minn eżami tal-atti jirriżulta illi l-Ewwel Qorti ottemperat ruħha skrupolożament ma' dak imfassal fl-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi:–

> **(1) Jekk l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b) u fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suġġett għal piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha.**
>
> **(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, jekk l-akkużat jibqa' jtenni fit-tweġiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat, din it-tweġiba għandha tiġi rreġistrata, u il-Qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-**

**reat u tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.**

**(3) Iżda, meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu ħati.**

Illi mill-verbal tal-21 t'April 2023, jirriżulta illi f'dik l-ewwel seduta quddiem il-qorti meta l-imputat tressaq b'arrest mixli bir-reati lilu addebitati fiċ-ċitazzjoni:–

**"...**

**Il-Qorti spjegat lill-akkuzat b'mod ċar in-natura tal-akkuzi miġjuba kontra tiegħu u li mhux obligat li jwieġeb għall-ebda mistoqsija jew li jinkrimina lilu nnifsu u li kull ħaġa li huwa jgħid tista' tinġieb bħala prova kontra tiegħu.**

**Sar l-ezami tal-imputat u iddikjara ammissjoni.**

**...**

**Semgħet l-ammissjoni tal-imputat kif reġistrat fl-atti fis-seduta tal-lum għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;**

**Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tagħtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-Avukat tiegħu li l-Qorti għaddiet sabiex tagħti kas din l-ammissjoni tiegħu.**

**Illi għalhekk fuq ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'għandiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.**

**...**

Illi, għalhekk jidher ċar li l-appellant kien legalment assistit fil-mument li rreġistra l-ammissjoni tiegħu, kif ukoll ingħata l-opportunita jikkonsulta ma'l-avukat tiegħu, u wara li ngħata żmien biex jaħsibha, huwa tenna dik l-ammissjoni hekk irreġistrata. Dan seħħ wara li l-Ewwel Qorti wissietu bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu. Dan ifisser illi dik l-ammissjoni kienet waħda volontarja u legalment valida.

Ikompli jisħaq, fl-aggravju li jsegwi, illi huwa qatt ma seta' jinstab ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u dana għaliex ma kellux il-*mens rea*

neċessarju dak il-ħin tal-inċident *de quo*. Huwa jissostanzja dan billi jressaq diversi argumenti li lkoll jirrelataw mal-apprezzament tal-provi.

Illi, dina l-Qorti ttenni li ġaladarba l-appellant ammetta volontarjament u b'mod inkondizzjonat għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, u ġaladarba dik l-istess ammissjoni kienet waħda legalment valida ai termini u l-effetti kollha tal-Liġi, kif hawn fuq premess, huwa ma jista' qatt f'dan l-istadju ta' revizjoni jressaq issa appell fil-mertu u dan iktar u iktar għaliex bl-ammissjoni tiegħu, l-appellant waqqaf il-proċess penali quddiem l-Ewwel Qorti u in segwitu ma ġew ipprezentati ebda provi ulterjuri sabiex isaħħu dak minnu allegat fir-rikors tal-appell.

Issa kif igħid il-Blackstone:

> ***"The fact that a plea of guilty has been entered does not preclude an appeal against the resulting conviction. If the conviction is found to be unsafe despite the plea of guilty it will be quashed. However, the fact that an appellant was fit to plea, had received expert advice, had been aware of what he was doing and had intended to plead guilty would be highly relevant to the consideration of the safety of the conviction***.[1]"

Illi fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ppresjeduta fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri*** tal-20 ta' Jannar 1995 jingħad:

> **"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil- kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollezz. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenoke' ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cioe' ssibu hati ta' reat. Anke recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Mohnani, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. <u>Dan qed jinghad biex hadd ma</u>**

[1] Criminal Practice Page 2037 D26.9

**<u>jifforma l-idea zbaljata li wiehed jista l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal x'hiex qed jammetti</u>". Insenjament dan citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Rainer Grima tat-12 ta' Mejju 2004 u aktar recenti fis-sentenza Il-Pulizija vs Andre Falzon App Krim 19.11.2015 u Il-Pulizija vs Tamer Mohammed Hussein Rozik App Krim 4.2.2016;**

Illi allura huwa possibbli għal persuna misjuba ħatja wara ammissjoni illi jirtira dik l-ammissjoni fi stadju ta' reviżjoni fi tlett ċirkostanzi u ċioe' jekk:

1. l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew;
2. jekk ma kinitx l-intenzjoni tal-imputat li jammetti li hu ħati ta' dik l-imputazzjoni jew;
3. fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setgħetx skond il-liġi, tikkundannah, cioe' ssibu ħati ta' reat.

Illi minn qari tar-rikors tal-appell ma jidhirx illi l-appellant qiegħed jitlob illi jirtira l-ammissjoni tiegħu. Ma jidhirx illi huwa ma fehemx in-natura tal-imputazzjonijiet lilu addebitati meta kien assistit tul il-proċeduri minn avukat. Lanqas ma jidher illi ma kenitx l-intenzjoni li jammetti, tant illi l-avukat tieghu u l-prosekuzzjoni daħħlu f'diskussjonijiet dwar il-piena li kellha tkun erogata mill-qorti fid-dawl ta' din l-ammissjoni. Kif ma jirriżultax ukoll illi kien hemm xi impediment legali li kien iżżomm lill-qorti issib ħtija fl-appellant għar-reati lilu addebitati u minnu *ammessi in toto.*

Għaldaqstant, l-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju marbut ma' apprezzament tal-provi u dan għaliex ebda prova ma tressqet fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-appellant, ammissjoni li saret skont il-liġi u għalhekk hija legalment valida u ma tistax tiġi imwarrba.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-gravam rimanenti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn l-appellant jilmenta limitatament dwar l-Ordni ta' Tneħħija magħmula mill-Ewwel Qorti fit-termini ta' dak maħsub fil-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jisħaq li huwa jibza' jmur lura f'pajjizu, l-Eġittu, u/jew f'xi pajjiz Għarbi ieħor, peress li l-ġirien

tiegħu stess f'pajjizu qegħdin ifittxuh sabiex jeħilsu minnu fuq kwistjonijiet ta' diversi artijiet li huwa jipposjedi ġewwa l-Eġittu.

Illi, minn eżami akkurat tal-Atti Proċesswali u minn dak li xehdet l-Ispettur Lara Butters quddiem din il-Qorti, issa fi stadju ta' reviżjoni, jirriżulta li l-appellant kien applika ma' l-*International Protection Agency* sabiex jingħata l-azil ġewwa Malta, liema applikazzjoni kienet ġiet irtirata u dana peress li l-istess appellant ma setax ikun rintraċċat. In vista ta' dan, l-appellant reġa applika mill-ġdid għall-ażil, liema applikazzjoni llum għadha pendenti, kif ikkonfermat mill-iSpettur Lara Butters. L-istess Spettur Butters xehdet ukoll li meta jkun hemm applikazzjoni għall-ażil pendenti, l-applikant ma jista' qatt jiġi deportat mill-pajjiż sakemm ma jkunx hemm deċizjoni finali fir-rigward.

Illi, dina l-Qorti fliet bir-reqqa dak stipulat fil-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward, b'mod speċjali dak imfassal fl-Artikoli 5(2)(d) u 14 tiegħu li fuqhom straħet l-Ewwel Qorti meta iddikjarat l-appellant bħala immigrant ipprojbit u ordnat lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjonai sabiex jara, fid-diskrezzjoni fdata lilu bil-liġi, li l-appellant jiġi deportat. Issa l-artikolu 14 iħalli fid-diskrezzjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex joħroġ l-Ordni ta' Ritorn u Tneħħija b'dan illi l-proviso għas-sub-inċiż 2 jipprovdi illi:

> **"Iżda jekk il-persuna li dwarha tkun ingħatat deċiżjoni ta'ritorn u ordni ta' tneħħija tkun soġġetta għal proċeduri kriminali għal delitt punibbli bi priġunerija jew qed isservi sentenza ta'priġunerija, il-Ministru jista' jagħti direzzjoni dwar jekk is-sentenza kollha jew parti minnha għandhiex tiġi servuta qabel ma dik il-persuna tkun ġiet ritornata minn Malta, u jekk ma tingħata ebda direzzjoni, dik il-persuna għandha titneħħa wara li tkun ġiet servuta s-sentenza, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta'kull liġi oħra."**

Mhux biss iżda imbagħad il-provisos għas-sub-inċiż

> **Iżda wara li tkun saret ordni ta' tneħħija mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, lil xi persuna li taħt xi dispożizzjoni tal-artikolu 5 tkun meqjusa bħala immigrant projbit, jekk dik il-persuna tkun għamlet applikazzjoni għall-asil taħt l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, l-effetti kollha tal-ordni ta' tneħħija għandhom jiġu sospiżi sakemm id-deċiżjoni finali tal-applikazzjoni għall-asil tkun**

**ittieħdet. Wara li l-applikazzjoni għall-asil tkun ġiet rifjutata b'deċiżjoni finali, l-ordni ta' tneħħija flimkien mal-effetti tagħha għandha terġa' tiġi fis-seħħ.**
**Iżda minkejja li l-effetti tal-ordni ta' tneħħija jiġu sospiżi sakemm id-deċiżjoni finali tal-applikazzjoni għall-asil tkun ittieħdet, id-detenzjoni ta' dik il-persuna titkompla sakemm tintlaħaq deċiżjoni finali dwar id-detenzjoni skont ir-regolamenti maħruġa taħt l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali:**
**Iżda wkoll, kull meta immigrant projbit jimla applikazzjoni għall-asil, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni m'għandux ikun meħtieġ li joħroġ deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija.**

Illi kif jemerġi mid-dokumenti eżebiti mill-ispettur Lara Butters quddiem din il-Qorti, u senjatament mid-dokument maħruġ mill-*International Protection Agency* datat 28 ta' Ottubru 2022 jirriżulta illi hemm applikazzjoni ġdida għall-ażil magħmula mill-appellant li għadha pendenti u kwindi it-tneħħija mill-pajjiż tal-appellant ma tistax ssir pendenti l-eżitu ta' din l-applikazzjoni, b'dan għalhekk illi dan l-aggravju tal-appellant jistħoqqlu akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata, u dana billi:**

i) **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant, fuq l-ammissjoni tiegħu, ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; u**
ii) **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal piena ta' priġunerija effettiva għall-perijodu ta' erba' snin u sitt xhur; u**
iii) **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-appellant b'Ordni ta' Trazzin fil-konfront ta' Lara Ali Shahin għal zmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza; u**
iv) **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, poġġiet lill-appellant taħt obbligazzjoni personali għal zmien tnax-il xahar mid-data ta' dina s-sentenza taħt penali ta' €500.00 milli jimmolesta u/jew jivvessa lil Lara Ali Shahin; u**
v) **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat l-appellant sabiex fi zmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti,**

iħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti l-ispejjez relatati mal-ħatra tal-esperti relatati mal-kaz odjern; iżda

vi) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat lill-appellant bħala immigrant projbit ai termini tal-Artikolu 5(2)(d) u l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex bil-poteri vestiti lilu bil-liġi, jassigura li l-appellant jiġi deportat minn dawn il-Gzejjer wara li jkun skonta l-piena skond din is-sentenza.

Edwina Grima

Imħallef